MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 249/2004

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Annetto Mifsud**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Jannar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hames mija u tnax –il Lira Maltija u tlieta u tmenin centezmi (Lm512.83), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21468957, liema servizz gie installat fil-fond bin-numru ufficjali 71, Triq Dun Gwann Cilia, Qormi, skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness ma' l-Avviz immarkat Dok. "A" u kuntratt relattiv markat Dok. "B".

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u tnax –il Lira Maltija u tlieta u tmenin centezmi (Lm512.83), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------